Minuti tas-sebgħa u għoxrin (27) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2010 fil-5.30 p.m.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |
| Persuni Oħra: | L-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Josephine Borg |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa numru 26, li saret nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2009, mill-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Josephine Borg. Kien hemm korrezzjoni fir-raba' paġna fejn ġiet inserita l-kelma "ħareġ", għaldaqstant, l-ewwel paraġrafu ta' din il-paġna issa jaqra:

"Mil-*Lands Department* ħareġ il-permess li jista' jsir ix-xogħol ta' restawr tal-Għajn ta Bendu"

Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa u dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku u l-Kunsilliera rringrazzjaw lis-Sinjorina Josephine Borg għax-xogħol li għamlet fil-Kunsill matul il-perijodu li kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sinjorina Borg rringrazzjat lis-Sindku u lill-Kunsilliera tal-għajnuna u r-rispett li huma wrewha matul il-perijodu li hi kienet impjegata mall-Kunsill.

## 3. QARI TAL-MEMOS, LMENTI MIR-RESIDENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### (a) Memos

- Memo 90/2009 Skemi ta Fondi Speċjali 2010



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

- Memo 1/2010 Tqassim ta’ Dokumenti lill-Kunsilliera

- Memo 2/2010 Fond ta’ Ko-finanzjment għal Proġett tal-Kunsilli Lokali taħt Programmi ta’ l-Unjoni Ewropea

- Memo 3/2010 Tibdil fl-Onorarju tas-Sindku

- Memo 4/2010 *Risk Assessment* tal-*Playing Fields* madwar Malta u Għawdex

- Memo 5/2010 *Urban Improvement Fund* – MEPA

- Memo 6/2010 Taħriġ għall-Kunsilliera

- Memo 7/2010 Skema dwar Aċċessibilta’ Aħjar fil-Lokalitajiet
Is-Sindku qal li l-Perit Saliba kellu jagħtina l-pjanta sabiex inkunu nistgħu nissottomettuha ma’ l-applikazzjoni, pero’ din għada mhux lesta. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu japplika sabiex titneħħa il-bankina għolja li hemm minn ħdejn il-*Multipurpose Room* u li twassal sal-*Playing Field,* u minflok tinbena waħda ġdida. Il-Kunsill qabel.

- Memo 8/2010 Xogħlijiet ta’ Trinek fit-Toroq mill-Kunsilli Lokali
Din l-applikazzjoni ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

- Memo 9/2010 Xogħol fuq Toroq Residenzjali
Is-Sindku qal li hemm skema tal-*Public Private Partnership* u li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iridx jidħol fiha. Il-Kunsill joħroġ nofs l-ispejjeż u n-nofs l-ieħor jitħallas mill-Gvern. L-ewwel darba titħallas *lump sum*, u l-kumplament fuq 10 snin, bil-kuntrattur jibqa’ responsabli għall-manutenzjoni għal dan iż-żmien.

Is-Sindku qal li din is-sena l-Kunsill għandu madwar €16,000 għall-manutenzjoni ta’ toroq minbarra tas-sena l-oħra li ser jintużaw għall-*Patching* bil-*Hot Asphalt*. Il-Fondi li l-Kunsill ħa jiffranka minn fuq it-tindif tat-toroq (għax dan isir mill-ħaddiema tal-Kunsill) jistgħu jintefqu fuq it-toroq ukoll.

Is-Sindku ppropona li jekk il-Kunsill jaqbel li għandu jidħol f’din l-iskema, l-ewwel prijorita’ għanda tkun Triq l-Isptar San Ġiljan u t-tieni prijorita tkun Triq il-Għajn (il-parti bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili). Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

Hawnhekk il-Kunsillier Lorry Apap saqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jitkellem mas-sidien tar-raba li hemm fil-kantuniera fil-bidu ta’ Triq l-Isptar San Ġiljan riġward il-possibilita’ li dawn jtellgħu l-


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

ħitan tas-sejjieħ ġodda. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef qalu li din ir-raba hi ppjanata li tinbena u għaldaqstant is-sid ma għandux interess li dawn jerġgħu jinbnew mill-ġdid. Il-Viċi Sindku qal li hu ħa jsaqsi lis-sid jekk hux ħa jibni, u jekk ma jkunx, dawn il-ħitan tas-sejjieħ jinbnew mill-Kunsill.

Il-Viċi Sindku ppropona li fejn isir ix-xogħol, il-gandott għandu jsir wisa' ta' *paver*. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill hekk qed jimponi fil-permessi li joħroġ, fil-fatt hekk sar fi Triq is-Sajjieda f'Mejju 2009 u fix-xogħolijiet li qegħdin isiru bħalissa fi Triq il-Għajn, kantuniera ma Triq il-Kappillan Hili.

- Memo 10/2010 Skema dwar Proġetti ta Enerġija Alternattiva

Is-Sindku ltaqa mal-Inġinier biex jara x'jista' jsir rigward din l-iskema. L-Inġinier informa lis-Sindku li s-sistema ta enerġija alternattiva għandha titpoġġa fuq bejt ta' xi ħadd mir-residenti għax fuq l-Għajn hu delli wisq. Is-Sindku talab permess lis-Sur Anton Cassar biex din is-sistema titpoġġa fuq il-bejt tiegħu u s'issa dan ma oġġezzjonax. Is-sistema *photovoltaic* għanda tagħti dawl lill-Għejjun u lill-fanali li hemm fi Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema.

- Memo 11/2010 ERDF Axis 2 - *Pre-call* għal Proġetti b'aktar minn €2 miljun fil-qalba tal-Lokalitajiet

- Memo 12/2010 Għajnuna għat-Tħawwil ta Siġar

Intalbu 40 siġra mill-Kunsill biex dawn jitħawwlu fi Triq ix-Xlendi wara li tinbena mill-ġdid din it-triq. Is-siġar li ntalbu huma dawk endemiċi Maltin.

- Memo 13/2010 Laqgħa tal-Lokalita' u l-Preparazzjoni tal-Estimi Finanżjarji u l-Pjan ta Ħidma għas-sena 2010

- Memo 14/2010 Skema Dwar Inizijattivi ta' Attivitajiet 2010

- Memo 15/2010 Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali

Is-Sindku ppropona u l-Kunsilliera unanimament qablu li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema għal diversi raġunijiet, fosthom:

- Għall-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku, minħabba l-fatt li l-Fontana hi fiċ-ċentru ta' Għawdex u għaldaqstant jgħaddu numru kbir ta' karozzi mit-toroq prinċipali
- Għax-xiri ta *heavy duty bins* sabiex dawn jitwaħħlu fi 'Pjazza l-Għejjun' li jżuruha mijiet ta' turisti kuljum
- Għall-ispejjeż ta' *insurance*
- Għall-kera ta' l-art u *meters* tad-dawl u tal-ilma tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku


Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

- Għall-manutenzjoni tas-sistema' l-ġdida tad-dawl li saret fi Triq il-Għajn
- Għajnuna għall-*Commercial Area* li tinsab fil-Fontana
- Għal *part time clerk*

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li din l-applikazzjoni trid tintbgħat sal-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2010, flimkien mal-*Balance Sheet*. Il-*Balance Sheet* ġiet preparata mis-Sinjura Johanna Caruana li kienet qiegħda tieħu ħsieb l-*accounts* tal-Kunsill.

- Memo 16/2010 Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabbiltà ta' Librerija Lokali

*- Memo 17/2010 Appointment of Local Government Auditors*

- Memo 18/2010 Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli

- Memo 19/2010 Fondi għal Konferenzi Internazzjonali f'Malta

- Memo 20/2010 Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali

- Memo 21/2010 Skema ta Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar

- Memo 22/2010 Ħruġ ta' *Bye Laws* u Avviż Bidu Fis-Seħħ

**(b) Ilmenti / Suġġerimenti**

(i) Is-Sur George Scicluna qal li int u tiegħla minn Triq Wied Siekel għal Triq San Martin hemm ħafna żejt fl-art li hu qed jgħid li qed jiġi kkaġunat minn *detergents* fl-użu ta *car wash business*. Ħu bagħat xi ritratti bħala prova. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jinforma lill-Gwardjani Lokali b'din is-sitwazzjoni. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li għandna ninfurmaw lill-Pulizija u lill-Awtorita' tas-Sanita'. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jintbgħatu dawn l-ittri.

(ii) Is-Sur Frank Pavia lmenta fuq l-istat ta' Triq il-Għajn (il-parti bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Qalb ta' Ġesu). Is-Sindku qal li sakemm tinqata' l-kawża li hemm fil-Qorti, il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat ittra lis-Sur Pavia u jinfurmah b'din is-sitwazzjoni.

(iii) Is-Sur George Cassar qed jipproponi żewġ alternattivi biex tissolva l-problema ta' *traffic* li jkun hemm fil-Fontana waqt li jkunu magħluqin Triq il-Vajrinġa u Triq Sir Arturo Mercieca, fir-Rabat (Għawdex), sakemm it-tfal jidħlu u joħorġu mill-iskola tal-Gvern. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir laqgħa mal-Pulizija u mall-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) u jekk ikun possibli nistiednu lis-Sur Cassar għal din il-laqgħa.

**(c) Korrispondenza Prinċipali**



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(i) *Email* mill-Uffiċċju tal-MEP Simon Busuttil dwar diversi skemi ta' fondi minn programmi tal-EU.

(ii) *Email* mingħand il-MEPA bħala risposta għall-*email* li kienet bgħatet l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Josephine Borg, rigward jekk hemmx bżonn xi permessi sabiex jitwaħħlu *solar water heaters* fuq il-bjut. Il-MEPA ikkonfermaw li ma hemmx bżonn permessi, pero' hemm lista ta' kundizzjonijiet li japplikaw. Il-Viċi Sindku qal li kienet avviċinatu persuna li ħadet ħsieb is-sistema ta' *solar water heaters* fil-lokalita' ta' San Lawrenz. Hu ssuġġerixxa li għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandna nistiednu lil din il-persuna sabiex jinformana kif inħadmet is-sistema. Il-membri tal-Kunsill qablu.

(iii) Is-Sur David Soler bagħat l-Aġenda tal-Laqgħa tal-*Joint Committee* u tal-*Law Enforcement* tas-27 ta' Jannar 2010, flimkien mal-minuti tal-laqgħa tas-17 ta Diċembru 2009.

(iv) *Email* mingħand Spiteri Bailey & Co li ġew appuntati bħala l-Awdituri l-ġodda tal-Kunsill fejn talbuna diversi dokumenti li jirrelataw mas-sena finanzjarja li għalqat nhar il-31 ta' Diċembru 2009. Is-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenża tas-Sinjura Johanna Caruana, għandu jibgħat id-dokumenti rikjesti.

(v) Il-kumpanija LIDL saqsew lill-Kunsill jekk aħniex interessati li nerġgħu nżuru wieħed mill-ħwienet tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li dan jista' jsir nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010 waqt il-ħarġa soċjo-kulturali li l-Kunsill ħa jorganizza ġewwa Malta. Il-Kunsilliera qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jinforma lil LIDL b'din id-deċiżżjoni. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għall-ħarġa li saret Malta f'Novembru il-LIDL ħalsu l-ħlas tal-*coach* lil Koptaco li kien jammonta għal €164.92.

(vi) Il-Kappillan bagħat ittra sabiex jirringrazzja lill-Kunsilliera tal-preżenza tagħhom waqt il-quddies li saret nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar 2010 fejn hu ngħata l-pussess bħala Kappillan tal-Fontana. F'ittra oħra l-Kappillan talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex jittella' kunċert fl-20 ta' Marzu 2010 ġewwa l-Knisja Parrokjali tal-Fontana. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Victor Cefai qalu li jekk il-Kunsill jkun jista' għandna nagħtu l-għajnuna lill-Kappillan sabiex tittella' din l-attivita'. Is-Sindku qal li għandna niċċekjaw il-kelma 'kollaborazzjoni' xi tfisser, għax jekk din tfisser *sponsor*, l-Kunsill ma jkunx jista' minħabba Memo li kien ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Minn naħa l-oħra, is-Sindku qal li l-Kunsill jista jorganizza attivitajiet ma' terzi persuni. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li l-aħjar niktbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex naraw jekk nistgħux. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat *email* lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

(vii) Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv Josephine Borg hi ntitolata għal-*pro rata performance bonus*.

(viii) Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni li l-Minuti tal-Laqgħat ma kienux *up-to-date* fuq il-*website* tal-Kunsilli Lokali (www.lc.gov.mt) Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu kien uplowdja l-Minuti li kienu nieqsa u issa hemm kollox *up-to-date*. Is-Sindku qal li sabiex inkunu konformi mal-liġi, il-Minuti tal-Laqgħat għandhom jitpoġġew fuq il-*website* sa jumejn wara li dawn jiġu approvati.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(ix) Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat kopja tal-kuntratt ta' mpjieg li ġie iffirmat minnu u mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat kopja tal-kuntratt.

(x) L-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbuna nibgħatu *email* rigward l-ammont li hu dovut lill-Kunsill mingħand il-WSC minħabba xogħolijiet fil-Fontana. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kull ma sab huma l-permessi minn April 2009 u ma kienx jaf liema minnhom huma pendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu saqsa lill-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv Josephine Borg jekk hi kienetx taf fejn huma dawk ta' qabel u liema huma pendenti u din qaltlu li ma tafx. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa wkoll lill-eks Segretarju Eżekuttiv Josianne Cassar, u hi nformatu li suppost hemm kollox ġo *file* ntitolat *Water Services Corporation*, pero' s-Segretarju Eżekuttiv ma rnexxilux isibu. Il-Viċi Sindku ċempel lill-eks Segretarju Eżekuttiv Josianne Cassar u hi qaltlu li suppost hemm *file*. Hu qalla biex meta tkun tista' tiġi l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill biex tara ssibux.

(xi) L-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħa torganizza Laqgħa tas-Sindki ġewwa l-lukanda Radisson f'San Ġiljan nhar is-26 u 27 ta' Frar 2010. Il-Viċi Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv li ħu kien ser jattendi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jinforma lil-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

(xii) Is-Sindku ppropona li l-€5,000 premju li l-Kunsill ingħata taħt l-iskema Green Challenge Award, għandhom jiġu nvestiti fit-tindif tal-Wied tax-Xlendi, li jkun jista' jitqies bħala proġett ambjentali. Il-Viċi Sindku qal li hemm il-possibilita' li dan isir mill-Ministeru għall-Għawdex. Il-Kunsill qabel li jistenna ħa jara x'ħa jiġri.

## 4. <u>BUDGET 2010</u>

Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ppreżentaw *draft* tal-Budget għas-sena 2010 sabiex jiġi diskuss mill-Kunsill. Is-Sindku spjega fil-qosor x'ser ikunu d-Dħul u l-Ħruġ tal-Kunsill matul is-sena 2010. Il-*Budget* ġie approvat mill-Kunsill.

## *5. <u>PERFORMANCE BONUS</u>*

Il-Kunsillieri ddiskutew l-*performance* tal-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv Josephine Borg fejn qablu li hi għamlet l-aħjar li setgħet fl-impjieg tagħha mal-Kunsill. Pero', kien hemm ċertu affarijiet, bħalma hu l-*accounting*, li hi ma kienetx taf tagħmilhom u l-Kunsill kellu jqabbad lil terzi persuni sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li hi għandha tingħata *performance bonus* ta' 7.5%

## 6. <u>MATERJI OĦRA</u>

(a) Is-Sindku ppropona li jinxtara *computer* ġdid għall-uffiċċju tal-kunsill peress li dak preżenti hu qadim (ilu jservi lill-Kunsill madwar 12-il sena) u *slow*. Il-Kunsill qabel.

(b) Is-Sindku, wara suġġeriment mis-Segretarju Eżekuttiv ppropona li l-Kunsill japplika għas-servizz ta' *internet banking*. Il-Kunsill qabel.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(c) Il-Kunsillier Lorry Apap ikkummenta li parti mis-siġġijiet li hemm fis-Sala tal-Komunita' huma mtebbgħin. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li dawn qed jittebbgħew waqt li jkunu jiġu wżati f'xi riċeviment. Il-Viċi Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara x'kumpanji hemm fil-*Yellow Pages* li joffru s-servizz ta' *Dry Cleaning* u nitolbuhom stima biex dawn jitnaddfu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jagħmel dan.

(d) Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa soċjo-kulturali ġewwa Malta nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010. Is-Sindku ppropona li jsir ħlas ta' bejn €2.50 u €3.00 minn kull persuna. Il-Kunsill qabel.

(e) Is-Sindku ppropona li jinxtara *sensor* għall-*public convenience* sabiex jiġi ffrankat id-dawl. Il-Kunsill qabel.

(f) Il-*floodlight* tan-Nava ta' San Mikiel hi maħruqa. Is-Sindku qal li din tiswa madwar €200 biex tinbidel għax l-apparat immermer (dan twaħħal madwar 20 sena ilu). Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jinbidel.

(g) Is-Sindku qal li l-Budget rivedut tas-sena 2009 kien ġie approvat fil-laqgħa t'Awissu 2009, pero, bi żvista dan ma ġiex imniżżel fil-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill mill-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv Josephine Borg.

(h) Is-Sindku qal li fil-Minuti tal-laqgħa t'Awissu ma ġietx imniżżla s-sena fid-data. Is-Sindku qal ukoll li l-Minuti tal-Laqgħa ta' Lulju ma ġewxipprintjati fuq *letter head*. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub x'jista' jsir f'dan ir-rigward.

(i) Miet missier Victor Grech, Kunsillier fil-lokalita' tal-Qala u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat *card* ta' kondoljanza.

(j) Nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar saret il-laqgħa annwali tal-lokalita' fis-Sala tal-Komunita'. Attendew 5 persuni, flimkien mall-membri kollha tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv. Saret preżentazzjoni mis-Sindku u wara l-membri tal-pubbliku preżenti ressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom.

(k) Is-Sindku qal li meta kien hemm il-laqgħa mas-Sindki ta' Calabria nserta kien hemm ukoll is-Sindku tal-*Comune di Zafferana Etnea* li kien qiegħed itella' wirja fl-istess post. Waqt diskussjoni li saret miegħu, hu wera nteress li jsir ġemellaġġ. Peress li waqt din id-diskussjoni kien hemm is-Sur Charlie Zammit, li huwa *Cultural Organiser*, meta mistoqsi, dan aċċetta li jieħu ħsieb il-kuntatti meħtiega. Is-Sindku ppropona li nqabdu lis-Sur Charlie Zammit (*Cultural Organiser*) biex jieħu ħsieb dwar il-kuntatti. Il-Viċi Sindku qal li hu kien ħa jibgħat *email* lis-Sindku ta' dan ir-Reġjun. Il-Kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni tal-Viċi Sindku li din l-ittra aħjar tintbagħat uffiċċjalment mis-Segretarju tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qabel u qal li ħa jieħu ħsieb jipprepara *draft* ta' ittra u jgħaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli dan ikun jista 'jgħaddiha lil dan is-Sindku. Il-Kunsill qabel li l-Vici Sindku jieħu ħsieb jipprepara din l-ittra.

(l) Il-Kunsillier Victor Cefai informa lill-Kunsill li hu, bl-għajnuna tas-Segretarju Eżekuttiv, irranga l-*scanner* li ma kienx għadu jaħdem sew.

(m) Il-Kunsillier Victor Cefai qal li l-*computer* li jintuża mir-residenti sabiex jaċċessaw l-*internet* dan l-aħħar kien *slow* ħafna, anke jekk hu jagħtih l-*updates* necessarji. Għalhekk hu ħa jieħu ħsieb biex jieħdu għand ħanut tal-*computers* sabiex il-*computer* jigi fformatjat.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(n) Il-Kunsillier Victor Cefai qal li l-bin fil-bidu ta' Triq il-Kappillan Hili kemm-il darba qiegħed ikun mimli u madwaru jkun hemm żibel ukoll. Hu qal li mhux l-ewwel darba li ġabar dan l-iskart f'borża sewda.

(o) Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:

- Beda fil-kariga ta Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Fontana is-Sur Karl Vella.
- Hu flimkien mal-*Engineer* Mario Galea żar il-postijiet fejn ġie propost li jsiru fanali u *floodlights* tal-Għejjun b'sistema solari. Dan hu propost li jitħallas mill-Ministeru għal Għawdex. Saret ukoll żjara fl-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku fejn hu propost li ssir is-sistema ta' enerġija alternattiva permezz ta' sistema *photovoltaic*.
- Hu flimkien mal-kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef, u mas-Segretarju Eżekuttiv attendaw għar-*recording* tal-programm dwar il-kompetizzjoni *Green Ċhallenge Award* u *Local Enterprise Award*. Dan sar fl-*istudio* tal-kumpanija 'Where's Everybody' f'Ħal Qormi. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-Kunsill rċieva €5,000 bħala premju taħt l-iskema *Green Challenge Award,* li daħlu fil-kont bankarju tal-Kunsill.
- Hu u s-Segretarju Eżekuttiv attendaw seminar dwar il-Konsolidazzjoni tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali li saret fil-kunsill lokali ta' Birkirkara. Din ġiet indirizzata fost l-oħrajn mid-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard, u s-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said li hu responsabli mill-Kunsilli Lokali.
- Is-Segretarju Eżekuttiv għamel rapport l-għassa rigward is-serq ta' żewġ *bins* mit-Triq Kardinal Alessandro Franchi.
- Saret is-'SLOW' *sign* fi Triq Dun Ġużepp Grima, b'hekk twettqu l-ilmenti li kien hemm.
- Twaħħlet mera fi Triq Għajn Tuta.
- Għat-tieni darba fi żmien 10 gimgħat sar it-tqassim ta' pakkett ta' 10 boroz tal-*plastic totally degradable* lil kull residenza tal-Fontana. Dan bħala parti mill-kampanja edukattiva' dwar l-indafa fil-lokalita'. Dan qed isir biex ir-residenti jkomplu jiġu mħeġġa jagħmlu s-separazzjoni tal-iskart li jinġabar kull nhar ta Tlieta.
- Trid issir tabella sabiex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb fil-bidu ta' Triq is-Sajjieda. Il-Kunsill qabel li din issir.
- Daħlu €780 bħala fondi taħt l-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf fil-kont bankarju tal-Kunsill. Dawn kienu ntefqgħu għall-basktijiet taċ-ċaruta, *degradable plastic bags* u *leaflet* informattiv.
- Saritlu talba sabiex jitwaħħal *railing* quddiem it-taraġ ta' ħdejn is-Sala tal-Komunita'. Il-Kunsill qabel li jsir dan ir-*railing*.
- It-tumbata ta' Trejqa Bieb il-Għajn tneħħiet u saret tappiera ġdida, dan wara li kellem lis-Sur Brian Borg, mit-Taqsima tad-Drenaġġ fil-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma f'Għawdex.
- Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li reġa' telgħa jixhed fil-Qorti dwar il-kawża ta' żgumbrament li s-Sur Anthony Cassar qiegħed jagħmel kontra l-kummissjoni ta' l-Artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn, fejn hu propost li jinbena t-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Waqt il-kontra eżami tax-xhieda li sar fit-13 ta Jannar 2010 minn Dr Anton Refalo, is-Sindku ippreżenta aktar dokumenti f'din il-kawza li juri l-istat li fih jinsabu dawn il-fondi 189 u 190 fi Triq il-Għajn.


Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

- Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li sar l-iżgumbrament tal-fond 191, fi Triq il-Għajn mid-Dipartiment tal-Artijiet nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2010. Dan il-fond ilu diversi snin mitlub mill-Kunsill għat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa qal li b'hekk issa l-Kunsill jista' jġedded it-talba għad-devoluzzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel. Huwa qal li dan kien żvilupp importanti ħafna biex titwettaq il-ħolma li bdiet aktar minn 40 sena ilu minn Mons Lorenzo Xerri, dak iż-żmien Kappillan tal-Fontana, u s-Sur Anton Farrugia (magħruf bħala l-'Gidma'), li tħabbtu biex jiġu esproprjati dawn il-fondi flimkien ma' propjetajiet oħra mill-Gvern biex quddiem il-Knisja Parrokjali jkun spazju miftuħ.
- Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil Onor Chris Said, Segretarju Parlamentari responsabli mid-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni u mill-Kunsilli Lokali li meta f'Ġunju li għaddha saret laqgħa miegħu fil-Kunsill u ġew diskussi dawn il-fondi hu wiegħed lill-Kunsill il-ħidma tiegħu biex din il-problema tissolva u dan il-fond jiġi mgħoddi lill-Kunsill. Ittra oħra għandha tintbagħat lil Onor Jason Azzopardi, Segretarju Parlamentari responsabli mill-Erarji Pubbliċi Artijiet, li wara li fit-12 ta' Novmebru 2009 ħarġet l-ordni tal-iżgumbrament kellu laqgħa mas-Sindku fl-Uffiċċju tiegħu fil-*House of Four Winds*, ġewwa l-Belt Valletta, fejn nforma lis-Sindku li wara li jiġi żgumbrat, dan jiġi devolut lill-Kunsill biex ikun jista' jkompli jwettaq dan il-proġett tant meħtieġ għar-residenti tal-Fontana. Il-Kunsill qabel li jintbgħatu dawn l-ittri ta' ringrazzjament.

## 7. <u>APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET</u>

Il-kontijiet mehmuza ma dawn il-minuti ġew approvati mill-Kunsill.

Il-Laqgħa spiċċat fil-7.40pm.

Laqgħa oħra ser ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Frar 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt